**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 258/18 AGV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-23 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Novembru, 1995, kif jirrizulta mill-anness Att ta' Zwieg bin-numru 1798/1995 (Dok.A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal bniet, C illum ta' wiehed u ghoxrin (21) sena u D ta' sbatax-il sena;

2. Illi wara li twieldet il-bint il-kbira C fit-13 ta' Settembru, 1996, il-partijiet isseparaw legalment b'kuntratt tat-30 ta' Settembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella (kopja annessa Dok. B), fejn filwaqt li ma ffissaw ebda rata ghall-manteniment, fl-artikolu 5 stipulaw illi kemm ghal dak li jirrigwarda lilhom bhala konjugi, kif ukoll il-bint, dak

iz-zmien unika u minuri C, "…*jirriservaw li jistabilixxu l-istess bi ftehim bejniethom jew permess ta' ordnital-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt.*"

3. Illi ftit anqas minn sentejn wara l-imsemmija separazzjoni, filwaqt li baqghu jghixu totalment separati minn xulxin b'mod li qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni, twelditilhom it-tieni wild D fit-3 ta' Gunju, 2000.

4. Illi tul l-ahhar hames snin qabel din il-procedura u anke ghal bosta snin qabel, il-partijiet kienu ilhom ferm aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien (u dan ininterrotament), apparti li ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali;

5. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghandhom hajja totalment separatament minn xulxin;

6. Illi l-manteniment dovut mill-esponenti ghall-htigijiet taz-zewg ulied, b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fuq Rikors Guramentat Nru.27/08 JA fl-ismijiet B vs A, deciza fl-14 ta' Jannar, 2011 (kopja annessa Dok.C), gie ffissat ghal kull wild fir-rata ta' mija u wiehed u hamsin Euro u erbghin centezmu (€151.40) fix-xahar, "….sakemm l-istess wild isiru maggjorenni jew jibdew jahdmu bi qliegh, skond liema javvera ruhu l-ewwel." u l-esponenti fil-fatt dejjem ottempera ruhu fil-hlasijiet;

7. Illi attwalment iz-zewg ulied ghandhom impjieg "full time," billi l-maggorenni C ta' 21 sena hija suldat mal-Forzi Armati u b'effett minn Ottubru, 2017 lehqet "gunner" u l-minuri ta' 17-il sena D hija mpjegati "full time" mal-McDonalds";

8. Illi stante l-imsemmija impjiegi rispettivi taz-zewg ulied (oltre li C ilha maggorenni), mhu dovut u ergo' mhu jithallas ebda manteniment mill-esponenti ghall-ulied, b'dana li fl-eventwalita' li huma jew wahda minnhom jieqfu mill-impjiegi rispettivi, fl-isfond tal-Artikolu 3B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li jibdew jippartecipaw f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim "full time," l-esponent huwa konxju mill-obbligu tieghu bhala genitur li huwa jerga' jibda imantnihom jew min minnhom adegwatament sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena skond il-mezzi tieghu, f'kaz li ma jkunx ragjonevolment possibbli ghall-ulied jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq;

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimata hija kontumaci.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu tissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati legalment b'kuntratt tat-30 ta' Settembru, 1998 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella ghal aktar minn erba' snin,

Illi r-rikorrent ppruva ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**